# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

## Laqgħa Nru. 65/2017

Data: 6 ta' Marzu, 2017

Ħin: 18.30

Post: Uffiċċju Amministrattiv Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sa Jane Yvonne Spiteri | - | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati: Ħadd

Assenti: Ħadd

## AĠENDA

### 1. Talba

### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti tas-63 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

### 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tas-63 Laqgħa.

2.1.1 Minuta 2.1 "Korrezzjoni tal-Minuti tas-60 Laqgħa titneħħa" u ssir "Korrezzjoni tal-Minuti tas-62 Laqgħa."

2.1.2. Minuta 3.1 titneħħa l-kelma “bl-ingliż” u tiżdied il-kelma “bl-Ingliż”

2.1.3. Minuta 3.3 Ma’ l-aħħar sentenza ta’ l-ewwel paragrafu tiżdied il-frażi “permezz ta’ dikjarazzjoni separata”

2.1.4. Minuta 4.1 Titneħħa s-sentenza “Il-membri qablu unanimament” u tiżdied is-sentenza “Il-membri qablu li nsaqsu dwar x’qed jorbot eżatt il-ftehim.”

2.1.5. Minuta 4.2 Titneħħa s-sentenza “il-membri qablu li nsaqsu dwar x’qed jorbot il-ftehim” u tiżdied is-sentenza, “Il-membri qablu unanimament.”

## 2.2 Approvazzjoni tal-Minuti tas-64 Laqgħa.

Il-Minuti tal-Laqgħa b’Urġenza (Laqgħa Nru 64) li saret nhar l-Erbgħa 15 ta’ Frar, 2017 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati.

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti tas-63 laqgħa

3.1 Minuta 3.1 – Is-Sur Horace Anastasi rrimarka li l-bye-law bil-Malti kienet differenti minn dik bl-Ingliż, izda s-Sindku nnega dan. Sostna li d-deċiżjoni kienet ġa ttieħdet fil-laqgħa preċedenti, permezz ta vot.

3.2 Minuta 3.2 – Is-Sindku reġa fakkar fil-problema li teżisti biex il-karrijiet tal-Karnival jgħaddu minn Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera. Is-Sindku ssuġġerixxa lil Gianluca Falzon, l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, biex jgħaddi s-suġġeriment lill-Kumitat Festi Esterni ta’ Santa Venera sabiex naraw jekk dan hux possibbli. Gianluca Falzon qal li peress li l-bini fil-Ħamrun hu aktar għoli mill-bini li hemm ġo Santa Venera, hija aktar diffiċli li l-ventijiet jogħlew imma huwa xorta ser ikellem lis-Segretarju tal-Kumitat tal-Festi Esterni sabiex jara jekk hux possibbli li l-ventijiet jogħlew ‘il fuq.

3.3 Minuta 3.3 – Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li rċevejna l-kuntratt uffiċjali bid-dikjarazzjoni separata li l-proġett huwa suġġett għall-permessi tal-Awtorita’ tal-Ippjanar. Huwa spjega wkoll li peress li l-Proġett kien jinkorpora kemm l-Iskudett kif ukoll Emblema fuq dar skedata, imma li hi privata, il-Kunsill ma jistax jagħmel proġetti minn fondi pubbliċi fuq propjeta’ privata. Is-Sur Silvio Vella ssuġġerixxa li flok ir-restawr tal-emblema antika, jista’ jiġi restawrat in-naħa ta’ wara ta’ l-Iskudett. Jista’ jinqala’ l-ġebel tal-gagazza u jitranġa l-Iskudett minn wara. Gianluca Falzon qal li il-Kunsill taż-Żgħażagħ kienu diġà qed jaħsbu biex l-Iskudett jitranġa, minn wara wkoll, permezz ta’ fondi minn Skema li ser toħroġ fil-futur.

Fis-7.00 ta’ filgħaxija wasal il-Viċi Sindku Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

3.4 **Ilmenti**

Ilment 201, quddiem garaxxijiet fi Triq Salvinu Spiteri il-Contracts Manager irrakomanda li l-linji li hemm jitneħħew u jsiru kif hemm bżonn. Kien hemm qbil dwar dan.

Ilment 207, quddiem Bieb 145 Julie hemm problema ta' aċċess. Ġie nkarigat is-Sur Jason Mangani sabiex ikellem lir-residenta ta' Nru 145 biex jara eżatt x'inhi l-problema.

Ilment 212. Il-linji huma skont il-policies. Għaldaqstant ma jistgħux jitneħħew.

3.5 Minuta 7(b) Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-Accountant Christopher Farrugia baqa' għaddej bix-xogħol tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Frar 2017. Dan peress li għalaq il-*Financial Statements* għas-sena 2016. It-takeover għadha ma ġietx finalizzata peress li s-sistema Sage hija installata fuq il-laptop ta' Christopher Farrugia. Raġuni oħra hija, li l-Kunsill iddeċieda li jixtri kompjuter ġdid. Il-postings ta' Jannar u Frar 2017 ser jerġa jkollhom jiġu ppostjati mill-ġdid fuq il-kompjuter li ser jinxtara. Biex issir dan ix-xogħol il kumpanija Dconsulta Ltd, qed titlob li titħallas bir-rata ta' €18 kull siegħa. L-ammont globali m'għandux jaqbeż il-€240. Is-Sur Darren Carabott saqsa jekk hemmx provediment fit-tender għal spiża bħal din. Is-Sindku spjega li t-tender jipprovdi għal *variation cost* ta' bejn 10% u 20%.

Il-membri qablu unanimament.

3.6 Minuta (7b) Is-Sindku informa lill Kunsilliera li ġibna tlett kwotazzjonijiet għal xiri ta' Kompjuter I3.
Il-kwotazzjoni tal-kumpanija Klikk hija ta' €574.-
Il-kwotazzjoni tal-kumpanija Scan hija ta' €552.-
Il-kwotazzjoni tal-kumpanija ICS hija ta' €550.
Għaldaqstant, il-Kunsill iddeċieda li jagħżel l-orħos kwotazzjoni jiġifieri dik tal-kumpanija ICS.

Kien hemm qbil ukoll sabiex b'mod separat tinxtara l-Operating System tal-Windows.

Il-membri qablu unanimament.

3.7 Minuta 9.1 Is-Sindku informa lill-membri li wara li ħriġna l-applikazzjonijiet għall-Part 2 tal-Jobsplus, applikat persuna waħda biss. Għaldaqstant, tlabna lill- Jobsplus il-lista tal-Part 3 biex namalgamaw l-intervisti.

3.8 Minuta 9.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li issa twaħħlu l-bollards u milli jidher li l-effett huwa posittiv għalkemm hemm min qed jipprova jipparkja diagonalment. Is-Sindku ppropona li nistgħu nordnaw tmienja oħra.

Il-membri qablu unanimament.

## 4. Korrispondenza

Minuta 4.1 Is-Sindku qara l-korrispondenza dwar il-Lifelong Learning. Huwa ssuġerixxa li bħas-soltu jiġu mgħallma s-suġġetti tal-Malti, Ingliż u Matematika f'livell bażiku. Għaldaqstant id-dipartiment tal-Lifelong Learning għandu jiġi avżat li il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera huwa għal darb'oħra interessat li jorganiżża dawn il-korsijiet. Il-Kunsill Lokali mhuwiex aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali u ser tinġibed l-attenzjoni dwar dan.

Il-membri qablu unanimament.

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 6. Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 227 sa lment numru 252.

| | |
|---|---|
| 227 | Contracts Manager (ara nru 240) |
| 228 | Azzjoni ittieħdet |
| 229 | Azzjoni ittieħdet |
| 230 | Grima & Sons |
| 231 | Azzjoni ittieħdet |
| 232 | Azzjoni ittieħdet |
| 233 | Contracts Manager |
| 234 | Transport Malta |
| 235 | Grima & Sons |
| 236 | Ħaddiema Assenjati mar u ma sab xejn |
| 237 | Azzjoni ittieħdet |
| 238 | 3 kwotazzjonijiet għal madum concrete imprint |
| 239 | Ħaddiema Assenjati |
| 240 | Azzjoni ittieħdet (Ara ilment 227) |
| 241 | Ħaddiema Assenjati |
| 242 | Nil |
| 243 | Skont policies, diffiċli ssir fil-post indikat |
| 244 | Nitolbu parir legali |
| 245 | Ħaddiema Assenjati |
| 246 | Ħaddiema Assenjati sabiex titneħħa l-parking bay |
| 247 | Works Order – Central Asphalt |
| 248 | Kwotazzjoni – Central Asphalt |
| 249 | Contracts Manager |
| 250 | Ma kienx hemm qbil |
| 251 | Ħaddiema Assenjati |
| 252 | Contracts Manager |

## 7. Ordnijiet tal-ġurnata

### (a) Xogħol tal-ġardinar

Is-Sindku informa li qed jidħlu diversi lmenti fuq fost l-oħrajn li is-siġar mhux qed jinżabru sew, fil-ġnien hemm ħafna ħaxix ħażin, u fil-ġnien saret ħafna ħsara fis-sistema tad-dawl permezz tal-moħriet. Spjega li dawn in-nuqqasijiet iridu jiġu indirizzati. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex il-ġardinar jingħata twissija verbali.

### (b) Procurement Officer

Is-Sindku informa li qed tinħass il-ħtieġa li jinħatar Procurement officer li tkun intiża purament fuq l-EPPS tenders. Hemm tenders skaduti fosthom it-Tender tal-Knis, il- Progett tal-Palazz l-Aħmar u s-segretarju ezekuttiv tkun tista' titgħallem kif twettaq dawn it-Tenders.

Peress li l-ammont jaqa' fil-parametri ta' Direct Order, is-Sindku ppropona li jinħatar is-Sur Svetlick Flores li huwa Segretarju Ezekuttiv ġo Birżebbuġa. Ir-rata ta' ħlas hija €15 fis-siegħa *excluding VAT*.

Is-Sur Jonathan Brimmer issekonda lis-Sindku.

Il-vot għadda b'ħames voti kontra tnejn.

### (c) Ambaxxatur taż-Zgħażagħ

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nġiebet kjarifika mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmawna li peress li l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Gianluca Falzon għalaq tmintax-il sena, il-Kunsill Lokali jista' jaħtar Ambaxxatur ġdid, iżda l-Kunsill jista' jagħżel ukoll li jibqa' jekk jaċċetta hu.

Gianluca Falzon wera x-xewqa li jibqa' f'din il-kariga.

Is-Sindku rrimarka li xtaq li l-attendenza ta' Gianluca Falzon, għal-laqgħat tal-Kunsill Lokali, ikunu aktar regolari.

Is-Sindku ppropona li Gianluca Falzon jibqa' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

Is-Sur Horace Anastasi ssekonda lis-Sindku.

Fid-9.00pm is-Sur Jonathan Brimmer ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

## (d) Xogħol infrastrutturali

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li qegħdin f'pozizzjoni li jsir xogħol infrastrutturali ġdid f'dawn it-toroq: Triq Brighella, Triq il-Kardinal Sciberras, Triq San Gorg, Triq Abela, Triq Ġużè Pace, Triq il-Batterija, bankina ta' Triq il-Kanun u s-Soft Area. Kien hemm qbil li jsir skont il-finanzi u x-xogħol jiskatta bejn din is-sena u s-sena d-dieħla.

Il-membri qablu unanimament.

# 8 Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati

Ma ġewx preżentati minuti f'din il-laqgħa

Fid-9:05 pm is-Sa Elizabeth Vella ġiet skużata għall-kumplament tal-laqgħa.

# 9 Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Jason Mangani biex għal April jorganizza Sports Day.

9.2 Is-Sindku informa li hemm il-possibilita' li jiġi organizzat kors minn Home Economists in Action. F'dan il-kors isir tagħlim dwar l-istil ta' ħajja, First Aid, kif timmaniġġja l-flus, budgeting etc. Is-Sindku ppropona li nistgħħu noffru l-bini tal-Kunsill biex ikun jista' jsir dan il-kors.

Il-membri qablu unanimament

9.3 Is-Sindku informa lill-membri li hemm ċitazzjonijiet akkumulati li kienu nħarġu qabel ma twaqqfet il-LESA, jammontaw għal €135,670.98 dovuti lill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Għaldaqstant, hemm żewġ għażliet, jew jitqabbad l-avukat tar-Reġjun u jibgħat ittra hu f'isem il-Kunsill. Dan jiswa lill-Kunsill €1.31 għal kull ittra li jibgħat. (Hemm madwar 2,500 ċitazzjoni). L-għażla l-oħra hija li nqabbdu lill-avukat tal-Kunsill biex jiktbilhom hu u jiċċarġja Administrativ fee bħala ħlas għalih.

Kien hemm qbil biex inkellmu lill-avukat tal-Kunsill dwar dan.

9.4 Irċevejna mingħand il-Planning Authority talba biex zona fi Triq il-Ferrovija, f'isem Maurice Abela tinbidel minn *Villa Area* għal *Terraced House Area*. Is-Sindku ippropona li din it-talba ma tintlaqax u noġġezzjonaw lill-Planning Authority. Is-Sur Darren Carabott issekonda lis-Sindku.

Din il-proposta għaddiet b'erbgħa voti favur u astenzjoni waħda.

9.5 Is-Sindku informa li rċieva ittra anonima rigward biċċa art li tinsab fi Triq il-Blata l-Kaħla parallel ma Triq is-Soll. Dan il-persuna ħataf biċċa art pubblika u bena ħajt tal-bricks madwarha. Is-Sindku ppropona li niktbu lill-Enforcement Officer tal-Planning Authority.

Il-membri qablu unanimament.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 3 ta' April, 2017 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ***Stephen Sultana*** | **Jane Yvonne Spiteri** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Ikkonfermati llum: 3 ta' April, 2017